MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MICALLEF JOSEPH R.

Seduta ta' 03 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1331/2001/1

**John MUSCAT, Bernard J. Muscat u Margaret miżżewġa Vella, Ikoll aħwa Muscat**

**vs**

**Maġġur Louis RADMILLI, Iris Sciortino, Elda Mizzi, Josephine Azzopardi, May Pantalleresco, Suor Maria Eugenia, u Joseph Pantalleresco, Maria Feliċe, Ena Vella Ġera, Alda Pantalleresco, Bernard, Simone Gatt, Lorraine Formosa, Marlene Ellul u Philip, aħwa Ferrante, ulied il-mejta Denise Ferrante**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-12 ta'Lulju, 2001, li bih l-atturi ippremettew:

Illi permezz ta' Ċitazzjoni Nru 117/58 ipprezentata fil-Qorti tal-Kummerċ fl-ismijet "Italia Demarco et vs Giorgio Demcaro et" l-awturi ta' l-atturi kienu talbu l-likwidazzjoni

tas-soċjeta' kummerċjali *Giovanni Vincenzo Demarco* d-divizjoni tal-bilanċ riżultanti mill-istralċ;

Illi l-kontendenti, permezz ta' skrittura privata datata 24 t'April 1996 ittransigew il-kawża msemmija u talbu lill-Qorti tgħaddi għas-sentenza skond it-transazzjoni;

Illi b'sentenza tas-26 ta' Frar 1999 mogħtija fl-ismijiet premessi (Ċitazzjoni Numru 117/58) l-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla ddeċidiet billi wara li għamlet referenza għall-ftehim tal-partijiet tal-24 t'April 1996 esibit fl-atti tal-kawża li bih ġiet transatta dik il-kawża u liema ftehim kellu jiġi meqjus bħala formanti parti integrali mis-sentenza, ordnat lill-konvenuti iħallsu lill-atturi għas-saldu s-somma ta' Lm22,000 kwantu għal Lm12,000 kapital u kwantu għal Lm10,000 interessi, b'dan illi jekk jirrizulta illi l-attur rċevew bħala interessi mingħand Alf. Mizzi & Sons Limited ammont li jeċċedi Lm1,000, l-eċċess kellu jitnaqqas mill-imsemmija somma ta' Lm22,000. Barra dan, l-istess Qorti awtorizzat l-izbanki tal-flus tal-kontendenti mingħand kull persuna, awtorita' jew bank inattiz kwalsiasi sekwestru li l-istess partijiet setgħu fil-kors tal-kawża ħargu kontra xulxin. Spejjeż jitħallsu mill-konvenuti (Dok. "A");

Illi rriżulta li l-atturi effettivament irċevew bħala interessi mingħand Alf. Mizzi & Sons Limited l-ammont ta' ħamest elef seba' mija u sittin lira maltin (Lm5,760) mingħand Alf. Mizzi & Sons Limited u għaldaqstant is-somma ta' erbat elef seba' mja u sittin lira maltin (Lm4,760) - bħala l-eċċess ta' Lm1,000 - għandha titnaqqas mill-imsemmija somma ta' Lm22,000, u dan iwassal għall-figura ta' sbatax-il elf, mitejn u erbgħin lira (Lm17,240) bħala l-ammont kanonizzat bis-sentenza, cioe' d-debitu ta' natura kummerċjali rapprezentanti l-bilanċ dovut lill-atturi mill-istralċ tas-soċjeta' Demarco;

Illi inoltre, il-konvenuti għandhom iħallsu lill-atturi interessi ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena almenu mill-4 ta' Gunju 1999, id-data meta l-konvenut Louis Radmilli nnifsu kkonferma li l-atturi rċevew mingħand Alf. Mizzi & Sons

Limited is-somma ta’ Lm5,760, sad-data tal-pagament effettiv;

Illi l-konvenuti, nonostante r-rendikont li bagħtu u l-ittra uffiċjali tal-4 t’Ottubru 2000, baqgħu inadempjenti għal aktar minn sentejn;

Illi l-interessi msemmija mill-4 ta’ Gunju 1999 sat-3 ta’ Gunju 2001 jammontaw għal elfejn, seba’ mija u tmienja u ħamsin lira maltin u erbgħin ċenteżmu (Lm2758.40);

Għalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandhiex għar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara illi l-ammont li għandu jitnaqqas mill-imsemmija somma ta’ Lm22,000 huwa **ta’ erbat elef seba’ mija u sittin lira (Lm4,760)** rapprezentanti l-eċċess ta’ Lm1,000 riferibilment għall-ammont ta’ Lm5,760 imħallsa minn Alf. Mizzi & Sons Limited lill-atturi, previa okkorrendo dikjarazzjoni illi l-ammont li allura għandu jitħallas mill-konvenuti “in solidum” bejniethom lill-atturi skond is-sentenza tas-26 ta’ Frar 1999 huwa ta’ sbatax-il elf mitejn u erbgħin lira (Lm17,240);

2. Tikkundanna lill-konvenuti “in solidum” bejniethom iħallsu wkoll lill-atturi l-imgħax ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena, mill-4 ta’ Gunju 1999 kif intqal fuq sad-data tal-pagament effettiv, liema interessi għal sentejn sat-3 ta’ Gunju 2001 jammontaw għal elfejn seba’ mija u tmienja u ħamsin lira u erbgħin ċenteżmu (Lm2,758.40);

3. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-interessi komposti bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq is-somma ta’ Lm2,758.40 fuq imsemmija skond l- artikolu 1142 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16);

Bl-ispejjeż imsemmija kontra l-konvenuti li huma ngunti għas-subizzjoni, komprizi dawk tal-ittra uffiċjali tal-4 t’Ottubru 2000;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi;

Rat illi l-imħarrkin, notifikati kif imiss bl-atti tal-kawża u wkoll bl-avviż tas-smigħ f'jiem u postijiet differenti[1], naqsu li jressqu Nota tal-Eċċezzjonijiet fiż-żmien mogħti lilhom bil-liġi, u għalkemm tnejn mill-imħarrkin (Louis Radmilli u Bernard Ferrante) ħatru avukat biex jidher għalihom, baqgħu ma ressqu l-ebda kontestazzjoni għat-talbiet tal-atturi, u għalhekk waqgħu kontumaċi;

Rat in-Nota mressqa mill-atturi waqt is-smigħ tas-6 ta' Marzu, 2002[2], flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat ukoll in-Nota l-oħra mressqa mill-atturi waqt is-smigħ tat-12 ta' Ġunju, 2002[3], flimkien mad-dokumenti mehmużin magħha;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-12 ta' Ġunju, 2002, li fih l-atturi iddikjaraw li ma kellhomx provi oħrajn xi jressqu u talbu li l-kawża titħalla għas-sentenza, u dan ukoll billi l-imħarrkin baqgħu ma dehrux;

Rat id-degrieti tagħha tat-12 ta' Ġunju, 2002, u tas-27 ta' Ġunju, 2002, li bihom il-kawża tħalliet għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din il-kawża saret biex l-atturi jitħallsu somom ta' flus, bħala bilanċ minn kapital u mgħaxijiet fuq dak il-kapital, wara li ngħatat sentenza fi Frar tal-1999, imsejsa fuq ftehim ta' transazzjoni li l-partijiet kienu laħqu fl-atti ta' dik il-kawża. L-atturi jgħidu li huma baqgħu sallum ma ngħatawx ilp-flus spettanti lilhom skond l-imsemmi ftehim ta' transazzjoni, li ġie inkorporat fis-sentenza fuq imsemmija;

Illi bl-imsemmija sentenza[4] kien ġie deċiż li l-atturi jingħataw bħala sehemhom mil-likwidazzjoni tas-soċjeta'

---

[1] Pa[[. 11 *tergo,* 12, 14 *tergo* u 17 *tergo* tal-pro`ess
[2] Pa[[. 18 sa 22 tal-pro`ess
[3] Pa[[. 25 sa 36 tal-pro`ess
[4] Dok "TA1", f'pa[[. 19 sa 22 tal-pro`ess

Giovanni Vincenzo Demarco s-somma ta' tmax-il elf lira Maltija (Lm 12,000) bħala kapital, flimkien ma' għaxart elef lira Maltija (Lm 10,000) li tirrappreżenta mgħaxijiet miġmugħa sa dak inhar. Kien hemm kondizzjoni li jekk kemm-il darba jirriżulta li l-atturi kienu rċevew qabel dak inhar mingħand terzi iżjed minn elf lira (Lm 1,000) mgħax bi ħlas, allura kull somma akbar minn dawk l-elf lira li tirriżulta li tħallset lill-atturi kellha tiġi mnaqqsa mis-somma sħiħa ta' Lm 22,000 li ġiet likwidata b'dik is-sentenza;

Illi mill-provi dokumentali mressqa, jirriżulta (u dwar dan jidher li hemm stqarrija mill-imħarrek Louis Radmilli nnifsu[5]) li l-atturi kienu rċevew b'kollox mingħand it-terzi (jiġifieri l-kumpannija Alf. Mizzi & Sons Ltd.) is-somma ta' ħamest elef seba' mija u sittin lira Maltin (Lm 5,760) bħala mgħaxijiet għaż-żmien bejn Lulju tal-1964 u Ġunju tal-1976;

Illi minbarra dan, l-atturi jiddikjaraw li mis-somma likwidata bl-imsemmija sentenza għadhom sallum ma rċevew l-ebda ħlas. Din ix-xilja ma ġietx miċħuda mill-imħarrkin. Jidher minn dokument ieħor[6] li sa April tal-2001 (xahrejn biss qabel ma nfetħet din il-kawża) il-flejjes li, skond is-sentenza (jew aħjar, il-kitba ta' transazzjoni li ġiet tagħmel parti integrali mis-sentenza), kellhom jitħallsu lill-atturi fi żmien xahar minn mindu l-assi sekwestrati jinħelsu, kienu għadhom ma ġewx rilaxxati mill-avukat li kien qiegħed iżommhom, sewwasew għaliex ma kienx ġie awtorizzat mill-avukati mqabbdin mill-partijiet;

Illi minn dawn id-dokumenti joħroġ biżżejjed tagħrif (li ma ġie bl-ebda mod kontradett) biex il-Qorti ssib li l-ilment tal-atturi għandu mis-sewwa u li l-ammont li kien jistħoqqilhom jirċievu bis-saħħa tas-sentenza kien jitla' għal sbatax-il elf mitejn u erbgħin lira Maltija (Lm 17,240), jiġifieri l-bilanċ li jifdal wara li Lm 4,760 mgħax aktar minn Lm 1,000, jitnaqqsu mis-somma ta' Lm 22,000;

Illi l-atturi qegħdin jitolbu wkoll il-ħlas tal-imgħaxijiet fuq l-imsemmija somma b'effett minn dak inhar tas-sentenza.

---

[5] Ara Dok "B2", f'pa[. 29 tal-pro`ess

[6] Dok "~", f'pa[. 26 tal-pro`ess

Mhux hekk biss, imma qegħdin jitlobu l-ħlas ukoll tal-imgħax fuq l-imgħax;

Illi hija ħasra li l-atturi ma dehrilhomx iressqu kopja tal-ftehim ta' transazzjoni li ntlaħaq bejnhomu l-imħarrkin. Dan kien jitfa' dawl aħjar fuq il-kwestjoni tal-imgħaxijiet pretiżi. Il-Qorti ssemmi dan il-fatt minħabba li fil-biċċa tal-ftehim ta' transazzjoni tal-24 t'April, 1996, imsemmi mill-atturi fit-tieni paragrafu tad-Dikjarazzjoni maħlufa, jingħad li l-ammont likwidat - li kien qiegħed jinkludi kemm ammont ta' kapital u kemm ammont ta' mgħax - kien qiegħed jiġi miftiehem għas-saldu tal-pretensjonijiet tal-atturi. Minbarradan, fis-sentenza tas-26 ta' Frar, 1999, ma jissemma xejn dwar jekk kellhomx jgħaddu mgħaxijiet. Il-mistoqsija li toħroġ minn dan hi, jekk fid-dawl ta' dan kollu, l-atturi għandhomx jedd jitolbu l-ħlas tal-imgħax, u, iżjed u iżjed, jekk għandhomx jedd jitolbu l-imgħax fuq l-imgħax;

Illi l-Qorti ssib li, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' din il-kawża, il-mertu ewlieni kien dak ta' likwidazzjoni ta' soċjeta' kummerċjali. Minbarra dan, l-obbligazzjoni meħuda mill-imħarrkin fil-kitba ta' transazzjoni (u konfermata fis-sentenza tal-1999), kienet dik ta' ħlas ta' somma. Il-liġi[7] tgħid ċar li fejn l-obbligazzjoni jkollha biss bħala oġġett il-ħlas ta' somma flus determinata, id-danni li jiġu mid-dewmien tal-eżekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni jkunu jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq l-imsemmija somma maħduma bir-rata tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena, li jkunu dovuti bla ma jkun hemm għalfejn li l-kreditur jipprova li bata xi telf minħabba d-dewmien[8]. Jekk wieħed iqis li l-obbligazzjoni meħuda mill-imħarrkin kienet waħda ta' natura kummerċjali, allura jista' jingħad ukoll li l-imgħaxijiet jibdew jgħaddu *ipso jure* bla ħtieġa ta' talba għalihom b'att ġudizzjarju, u b'effett minn dak inhar li l-obbligazzjoni kellha titwettaq[9];

Illi dan il-prinċipju huwa aċċettat u konsistentement applikat ukoll mill-Qrati tagħna, ukoll fejn ma tkunx saret

[7] Art. 1139 tal-Kap 16
[8] Art. 1140 tal-Kap 16
[9] Art. 1141(1) tal-kap 16

talba b'att ġudizzjarju qabel l-azzjoni[10]. Issa, fil-każ preżenti, l-atturi jidher li interpellaw lill-imħarrkin b'att ġudizzjarju mressaq f'Ottubru tal-2000;

Illi issa wieħed jara jekk jistgħux jintalbu l-imgħaxijiet fuq l-imgħax. L-atturi jsejsu t-talba tagħhom fuq dak li jgħid l-artikolu 1142 tal-Kodiċi Ċivili. F'dak l-artikolu ma jidhirx li l-liġi tagħraf bejn imgħax imnissel minn obbligazzjoni ta' natura kummerċjali minn imgħax imnissel minn obbligazzjoni ċivili: dak li jiswa hu li biex tali mgħax fuq l-imgħax ikun dovut, irid dejjem ikun hemm talba b'att ġudizzjarju (sakemm ma jkunx jeżisti ftehim minn qabel li jipprovdi dwar imgħax bħal dan) u l-imgħax li dwaru jintalab l-imgħax irid ikun ilu dovut minn tal-anqas għal żmien ta' sena. Ingħad illi, f'każ fejn somma dovuta tiġi kanoniżżata b'sentenza, l-imgħax minn dik is-somma huma mgħaxijiet sempliċi, u jista' jiġi kapitalizzat biss bil-mod imfisser fil-Kodiċi[11];

Illi, jekk wieħed japplika dawn il-prinċipji għall-każ, isib li hawn ukoll it-talba tal-atturi tidher mistħoqqa. Dan jingħad għaliex l-imgħax li dwaru qiegħed jintalab l-imgħax kien ilu dovut iktar minn sena. Minbarra dan l-atturi jidher li talbu l-ħlas tiegħu b'att ġudizzjarju. Iż-żewġ elementi meħtieġa biex jiġi fis-seħħ l-artikolu 1142 jirriżultaw imwettqin;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi, fil-kontumaċja tal-imħarrkin:

**Tilqa' l-ewwel talba** u tiddikjara li mill-ammont ta' tnejn u għoxrin elf lira Maltija (Lm 22,000) dikjarati bħala dovuti lill-atturi bis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Frar, 1999, fl-atti tal-Kawża Numru 117/58, għandha titnaqqas is-somma ta' erbat elef seba' mija u sittin lira Maltija (Lm 4,760) bħala mgħaxijiet imħallsa lill-atturi minn terzi, u li għalhekk l-atturi għandhom jirċievu s-somma ta' sbatax-il elf mitejn u erbgħin lira Maltija (Lm 17,240), u qegħda tikkundanna lill-imħarrkin flimkien u

---

10 Ara, per e\empju, Kumm **16.2.1954** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Mizzi pro et noe vs Falzon*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.iii.642**)

11 Ara, Kumm. GS **15.1.1979** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Cecil Busuttil noe vs Alfred Spiteri Debarro***

solidalment bejniethom iħallsu l-imsemmija somma lill-atturi;

**Tilqa’ t-tieni talba** u tikkundanna lill-imħarrkin solidalment bejniethom iħallsu wkoll lill-atturi s-somma ta’ elfejn seba’ mija u tmienja u ħamsin lira Maltija u erbgħin ċenteżmu (Lm 2,758.40) bħala mgħaxijiet sempliċi fuq l-imsemmija somma għal żmien sentejn b’effett minn Marzu tal-1999;

**Tilqa’ t-tielet talba** u tikkundanna lill-imħarrkin flimkien u solidament bejniethom Iħallsu lill-atturi wkoll l-imgħaxijiet komposti fuq is-somma msemmija fit-tieni talba, bir-rata tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena;

**Bl-ispejjeż** ta’ din il-kawża jitħallsu mill-imħarrkin.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.,**
**3 t’Ottubru, 2002**

**Charles Falzon,**
**Deputat Reġistratur,**
**3 t’Ottubru, 2002**